Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/913

5.5.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/913

tal-4 ta' Mejju 2026

li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu adipiku li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Bidu

(1) Fl-14 ta' Marzu 2025, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' aċidu adipiku li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-pajjiż ikkonċernat" jew "iċ-Ċina") fuq il-bażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku. Hija ppubblikat Notifika tal-Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) ("in-Notifika tal-Bidu").

(2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara lment imressaq fit-28 ta' Jannar 2025 minn Lanxess Deutschland GmbH u Radici Chimica S.p.A ("l-ilmentaturi"). L-ilment sar mill-industrija tal-Unjoni tal-aċidu adipiku fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. L-ilment kien fih evidenza ta' dumping u tad-dannu materjali li jirriżulta li kienet biżżejjed sabiex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

1.2. Reġistrazzjoni

(3) Il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat soġġetti għar-reġistrazzjoni bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1041 ([3]) ("ir-Regolament dwar ir-Reġistrazzjoni").

1.3. Miżuri proviżorji

(4) F'konformità mal-Artikolu 19a tar-Regolament bażiku, fis-16 ta' Ottubru 2025, il-Kummissjoni pprovdiet lill-partijiet b'sommarju tad-dazji proposti u dettalji dwar il-kalkolu tal-marġnijiet tad-dumping u l-marġnijiet adegwati biex jitneħħa d-dannu għall-industrija tal-Unjoni. Il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkummentaw dwar il-preċiżjoni tal-kalkoli fi żmien tliet ijiem tax-xogħol.

(5) Waslu kummenti mingħand żewġ produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, Tangshan Zhonghao Chemical Co., Ltd, Tangshan, iċ-Ċina ("Zhonghao") u Chongqing Huafon Chemical Co., Ltd, Chongqing, iċ-Ċina ("Huafon"), li t-tnejn innotaw żball klerikali fil-kalkolu tal-valur normali. Wara l-analiżi, dawn il-kummenti ġew aċċettati. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotat żball fil-kalkolu tal-parametru referenzjarju għall-fwar. Il-Kummissjoni kkalkulat mill-ġdid il-marġnijiet tad-dumping skont dan.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj.
([2]) Notifika tal-bidu ta' proċediment antidumping fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' aċidu adipiku li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU C, C/2025/1608, 14.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/1608/oj).
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1041 tas-27 ta' Mejju 2025 li jagħmel l-importazzjonijiet ta' aċidu adipiku li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina soġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU L, 2025/1041, 28.5.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1041/oj).

(6) Kumment ieħor minn Zhonghao ma kienx jikkonċerna l-akkuratezza tal-kalkoli iżda pjuttost il-metodoloġija użata għall-kalkolu tal-parametru referenzjarju għall-ilma. Għalhekk, din tqieset wara d-divulgazzjoni tal-miżuri proviżorji u hija indirizzata fil-premessa (55) ta' dan ir-Regolament.

(7) Fit-13 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni imponiet dazji anti-dumping proviżorji fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu adipiku li joriġina miċ-Ċina bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2287 ([4]) ("ir-Regolament proviżorju").

1.4. **Proċedura sussegwenti**

(8) Wara d-divulgazzjoni tal-fatti u l-konsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom, ġie impost dazju anti-dumping proviżorju ("divulgazzjoni provviżorja"), l-ilmentaturi, Allnex Italy s.r.l ("Allnex") u COIM S.p.A. Chimica Organica ("COIM"), żewġ utenti tal-aċidu adipiku, u Zhonghao u Huafon, il-produtturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun, ippreżentaw preżentazzjonijiet bil-miktub biex juru l-veduti tagħhom dwar is-sejbiet provviżorji fl-iskadenza mogħtija mill-Artikolu 2(1) tar-Regolament proviżorju.

(9) Il-partijiet li talbu li jinstemgħu ngħataw din l-opportunità. Saret seduta ta' smigħ ma' Allnex.

(10) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li qieset bħala neċessarja għas-sejbiet finali tagħha. Meta waslet għas-sejbiet definittivi tagħha, il-Kummissjoni kkunsidrat il-kummenti ppreżentati mill-partijiet interessati u rrevediet il-konklużjonijiet provviżorji tagħha meta kien xieraq.

(11) Il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati kollha dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien beħsiebha timponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu adipiku li joriġina miċ-Ċina ("id-divulgazzjoni finali"). Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwar id-divulgazzjoni finali.

(12) Il-partijiet li talbu li jinstemgħu ngħataw ukoll din l-opportunità. Ma ntalbet l-ebda seduta ta' smigħ wara d-divulgazzjoni finali.

1.5. **Affermazzjonijiet dwar il-bidu**

(13) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment, il-premessi (7) sa (11) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

1.6. **Kampjunar**

(14) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment rigward il-kampjunar ta' produtturi, importaturi mhux relatati u produtturi esportaturi tal-Unjoni, il-premessi (12) sa (17) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

1.7. **Tweġibiet għall-kwestjonarju u żjarat ta' verifika**

(15) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar it-tweġibiet tal-kwestjonarju u ż-żjarat ta' verifika, il-premessi (18) sa (21) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

1.8. **Perjodu ta' investigazzjoni u perjodu kkunsidrat**

(16) Kif huwa ddikjarat fit-Taqsima 1.7 tar-Regolament proviżorju, l-investigazzjoni dwar id-dumping u d-dannu kienet tkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024 ("il-perjodu ta' investigazzjoni"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni ("il-perjodu kkunsidrat").

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2287 tat-12 ta' Novembru 2025 li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq importazzjonijiet ta'aċidu adipiku li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L, 2025/2287, 13.11.2025ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/2287/oj).

2. PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

(17) Kif stabbilit fit-Taqsima 2 tar-Regolament proviżorju, il-prodott taħt investigazzjoni huwa l-aċidu adipiku, magħruf ukoll bħala aċidu eżanediojku, li jaqa' taħt il-Chemicals Abstract Services ("CAS", Chemicals Abstract Services) taħt in-numru 124-04-9, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM 2917 12 00 ("il-prodott taħt investigazzjoni").

(18) Il-prodott ikkonċernat huwa aċidu adipiku li joriġina fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, li attwalment jaqa' taħt il-kodiċi NM 2917 12 00 (kodiċi TARIC 2917 12 00 10) ("il-prodott ikkonċernat").

(19) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar il-prodott simili u l-ambitu tal-prodott, il-premessi (26) sa (28) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

3. DUMPING

3.1. Proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku

(20) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar il-proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, il-konklużjonijiet fil-premessi (29) sa (36) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

3.2. Valur normali

3.2.1. *Eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti*

(21) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti, is-sejbiet fil-premessi (37) sa (81) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

3.2.2. *Pajjiż rappreżentattiv*

(22) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar l-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv, is-sejbiet fil-premessi (82) sa (94) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

3.2.3. *Sorsi użati biex jiġu stabbiliti l-kostijiet mingħajr distorsjoni*

(23) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji, saru affermazzjonijiet mill-partijiet interessati dwar il-parametri referenzjarji xierqa għaċ-ċikloeżan grezz, il-fwar, l-ilma u x-xogħol. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qabdet u sussegwentement ikkoreġiet żball klerikali fil-kalkolu tal-parametru referenzjarju tal-gass.

3.2.3.1. Parametru referenzjarju għall-prodott sekondarju taċ-ċikloeżan grezz

(24) Fl-istadju proviżorju, il-Kummissjoni kienet iddeterminat li kien hemm żewġ tipi tal-prodott sekondarju taċ-ċikloeżan: pur u grezz. Iċ-ċikloeżan pur normalment ikun 99 % pur (sa 99,9 %), il-grad meħtieġ għall-produzzjoni tal-aċidu adipiku. Iċ-ċikloeżan b'purità ta' inqas minn 99 % (u mhux adattat għall-użu dirett fil-produzzjoni tal-aċidu adipiku) ġie ttikkettat bħala "grezz" mill-Kummissjoni biex tiddistingwih miċ-ċikloeżan pur u grezz.

(25) L-ilmentaturi sostnew li l-parametru referenzjarju li l-Kummissjoni kienet użat għaċ-ċikloeżan grezz ma kienx korrett, peress li 1) iċ-ċikloeżan grezz ma kellux prezz tas-suq estern stabbilit u ġeneralment ma kienx innegozjat bħala komodità u, 2) il-metodoloġija applikata mill-Kummissjoni kienet tiddependi b'mod żbaljat fuq l-istess prezzijiet/kostijiet Ċiniżi li tqiesu distorti wisq biex iservu bħala bażi għar-rikostruzzjoni tal-valur normali fil-bidu, u li wasslu għall-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) f'din l-investigazzjoni.

(26) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' dawn id-dikjarazzjonijiet. Matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni rċeviet u vverifikat evidenza mogħtija mill-kumpaniji fil-kampjun li huma biegħu volumi sinifikanti ta' ċikloeżan grezz lil kumpaniji mhux relatati matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk ġie kkonfermat li ċ-ċikloeżan b'purità ta' inqas minn 99 % inbiegħ bħala tali matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(27) L-investigazzjoni kkonfermat ukoll li ċ-ċikloeżan b'purità ta' inqas minn 99 % xorta jista' jintuża b'modi differenti. Jista' jintuża bħala tali fi proċessi kimiċi fejn l-ogħla livell ta' purità mhuwiex essenzjali, eż. bħala solvent, aġent li jneħħi ż-żebgħa, komponenti ta' taħlit għal flussi ta' idrokarburi (fejn jista' jsir użu minn purità baxxa daqs 90 %) ([5]), jew jista' jiġi ddistillat aktar biex jintlaħaq livell ogħla ta' purità. Il-livell aktar baxx ta' purità u l-ħtieġa possibbli għal aktar distillazzjoni huma riflessi fil-valur tas-suq aktar baxx taċ-ċikloeżan grezz, meta mqabbel maċ-ċikloeżan pur.

(28) Kif iddikjarat mill-ilmentaturi, ma hemm l-ebda parametru referenzjarju (internazzjonali) stabbilit għal dan il-prodott sekondarju, speċjalment peress li l-kompożizzjoni u l-livell ta' purità jistgħu jvarjaw. Fl-istadju proviżorju, il-Kummissjoni għalhekk kienet użat il-proporzjon bejn il-prezz tal-kumpaniji stess għaċ-ċikloeżan grezz u pur u applikatu għall-parametru referenzjarju għaċ-ċikloeżan pur, biex tistabbilixxi parametru referenzjarju għaċ-ċikloeżan grezz (il-premessa (107) tar-Regolament proviżorju).

(29) Il-formulazzjoni tal-kliem fir-Regolament proviżorju wasslet lill-ilmentaturi biex jistaqsu jekk il-Kummissjoni kinitx użat il-kost jew il-prezz taċ-ċikloeżan biex tistabbilixxi dan il-parametru referenzjarju. Il-Kummissjoni b'dan tikkonferma li l-parametru referenzjarju kien tabilħaqq ibbażat fuq id-differenza fil-prezz, jiġifieri l-proporzjon bejn il-prezz tal-bejgħ taċ-ċikloeżan pur u dak taċ-ċikloeżan grezz għal kull kumpanija inkluża fil-kampjun.

(30) L-ilmentaturi sostnew fil-preżentazzjoni tagħhom li l-Kummissjoni ma kellhiex tuża l-prezzijiet tal-kumpaniji Ċiniżi biex tistabbilixxi dan il-parametru referenzjarju, billi l-investigazzjoni kienet ibbażata fuq l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, peress li ġie stabbilit li l-kostijiet u l-prezzijiet domestiċi Ċiniżi huma distorti. Il-proporzjon ta' żewġ prezzijiet distorti ta' kumpanija Ċiniża li tipproduċi l-aċidu adipiku, għalhekk, ma jistax, skont l-ilmentaturi, jitqies bħala metodoloġija leġittima ta' aġġustament.

(31) Madankollu, il-Kummissjoni qieset li l-*proporzjon* tal-prezzijiet taċ-ċikloeżan grezz u pur ma huwiex affettwat mid-distorsjoni ġenerali fl-ekonomija Ċiniża. L-istess metodoloġija tintuża fl-investigazzjonijiet skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku għal, pereżempju, l-oġġetti tal-konsum u l-ispejjeż ġenerali, fejn hija l-prattika stabbilita tal-Kummissjoni li tesprimi tali entrati bħala perċentwal tal-kost tal-materja prima abbażi tal-kostijiet proprji tal-kumpaniji Ċiniżi, u sussegwentement applikata għall-kostijiet mingħajr distorsjoni.

(32) L-ilmentaturi sostnew ukoll li peress li, fil-fehma tagħhom, il-metodoloġija biex jiġi stabbilit il-parametru referenzjarju għaċ-ċikloeżan grezz hija żbaljata, jenħtieġ li l-Kummissjoni jew issib metodu differenti biex tistabbilixxi tali parametru referenzjarju jew tinjora dan il-prodott sekondarju kompletament. Madankollu, l-ilmentaturi ma pprovdew l-ebda alternattiva għal tali parametru referenzjarju peress li, skonthom, il-prodott ma għandu l-ebda valur kummerċjali estern. Barra minn hekk, peress li kif ġie ddikjarat fil-premessa (26), l-investigazzjoni kkonfermat li ċ-ċikloeżan grezz kellu valur kummerċjali u fil-fatt inbiegħ lil partijiet mhux relatati, dan il-prodott sekondarju ma jistax jiġi injorat.

(33) Fid-dawl tal-fatt li: (i) iċ-ċikloeżan grezz huwa prodott kummerċjabbli mibjugħ lil klijenti mhux relatati miż-żewġ kumpaniji Ċiniżi inklużi fil-kampjun u għalhekk għandu valur ippruvat; (ii) l-ilmentaturi u l-ebda parti oħra ma offrew metodoloġija alternattiva għall-istabbiliment ta' parametru referenzjarju għaċ-ċikloeżan grezz, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjonijiet tal-ilmentaturi.

(34) Wara d-divulgazzjoni finali, l-ilmentaturi tennew l-affermazzjonijiet tagħhom li jikkonċernaw il-parametru referenzjarju allegatament mhux korrett użat għaċ-ċikloeżan grezz. B'mod partikolari, tennew li ċ-ċikloeżan grezz ma għandux prezz tas-suq estern stabbilit u li l-metodoloġija applikata mill-Kummissjoni kienet tiddependi fuq prezzijiet u kostijiet Ċiniżi distorti.

(35) Il-Kummissjoni nnotata li dawn l-affermazzjonijiet sempliċiment jirrepetu l-argumenti li diġà ġew ippreżentati fl-istadju proviżorju u indirizzati fil-premessi (25) sa (33) tar-regolament proviżorju. L-ilmentaturi ma pprovdew l-ebda evidenza ġdida, u lanqas ma komplew jissostanzjaw l-allegazzjonijiet tagħhom jew jindirizzaw is-sejbiet tal-Kummissjoni stabbiliti fl-istadju proviżorju u fid-divulgazzjoni finali.

([5]) Ara pereżempju https://www.univarsolutions.com/cyclohexane-2008000; https://www.dcceew.gov.au/environment/protection/npi/substances/fact-sheets/cyclohexane. It-tip ta' kumpaniji li jixtru ċ-ċikloeżan grezz mill-kumpaniji Ċiniżi inklużi fil-kampjun juru li dawn huma tabilħaqq is-segmenti tal-industrija interessati f'ċikloeżan inqas pur.

(36) B'mod partikolari, l-ilmentaturi ma jikkontestawx is-sejbiet tal-Kummissjoni li ċ-ċikloeżan grezz kien jinbiegħ miż-żewġ kumpaniji Ċiniżi inklużi fil-kampjun f'volumi sinifikanti lil klijenti mhux relatati matul il-perjodu ta' investigazzjoni, li kien juri li l-prodott għandu valur kummerċjali. U lanqas ma pprovdew xi metodoloġija alternattiva għall-istabbiliment ta' parametru referenzjarju għall-prodott sekondarju taċ-ċikloeżan grezz.

(37) Barra minn hekk, l-ilmentaturi ma rribattewx l-ispjegazzjoni tal-Kummissjoni li l-użu ta' proporzjon tal-prezz bejn iċ-ċikloeżan grezz u dak pur kien jikkostitwixxi metodoloġija ta' aġġustament xierqa. B'mod partikolari, naqqsu milli juru li tali proporzjon ikun materjalment affettwat mid-distorsjonijiet identifikati fil-kuntest tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

(38) Fin-nuqqas ta' xi argument jew evidenza ġdida, u minħabba li l-ilmentaturi ma indirizzawx ir-raġunament tal-Kummissjoni stabbilit fil-premessi (25) sa (33) tar-regolament proviżorju, il-Kummissjoni kkonfermat is-sejbiet tagħha.

(39) Għalhekk, l-affermazzjonijiet tal-ilmentaturi ġew miċħuda.

3.2.3.2. Fwar

(40) Zhonghao argumenta li l-parametru referenzjarju użat għall-fwar ma kienx korrett għall-kumpanija tiegħu, peress li l-parametru referenzjarju kien ibbażat fuq l-użu tal-gass naturali għall-produzzjoni tal-fwar, filwaqt li Zhonghao uża l-faħam. Wara d-divulgazzjoni provviżorja, il-kumpanija pprovdiet evidenza verifikabbli li tappoġġa l-affermazzjoni tagħha. B'mod partikolari, il-kumpanija pprovdiet informazzjoni dwar it-tip ta' faħam użat, il-valur kalorifiku tiegħu, ir-rata tal-użu, it-tip ta' proċess tal-produzzjoni użat għall-ġenerazzjoni tal-fwar u evidenza tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tiegħu, inklużi t-temperaturi u l-pressjoni tas-sħana, kif ukoll għadd ta' fatti verifikabbli oħra. Il-Kummissjoni aċċettat din l-affermazzjoni u użat l-informazzjoni pprovduta biex tikkalkula mill-ġdid il-parametru referenzjarju għall-fwar. Il-parametru referenzjarju li rriżulta għal Zhonghao kien ta' [250-300] RMB għal kull MT fwar. Il-marġnijiet tad-dumping ġew ikkalkulati mill-ġdid filwaqt li tqies dan il-parametru referenzjarju ġdid.

(41) Wara d-divulgazzjoni finali, Zhonghao ppreżenta aktar kummenti li jikkonċernaw il-parametru referenzjarju użat għall-faħam fil-kalkolu tal-kost tal-fwar. Filwaqt li laqa' l-aċċettazzjoni tal-Kummissjoni tal-faħam bħala l-input tas-sħana xieraq, il-kumpanija sostniet li l-parametru finanzjarju li fuqu ddependiet baqa' mhux xieraq, peress li kien allegatament ibbażat fuq data tal-importazzjoni li ma kinitx tiddistigwi bejn tipi differenti ta' faħam.

(42) B'mod partikolari, Zhonghao argumenta li l-parametru referenzjarju, idderivat minn statistika dwar l-importazzjoni taħt il-kodiċi SA 2701 12, jinkludi kemm il-faħam tal-kokk kif ukoll il-faħam termali u għalhekk jissopravaluta l-prezz tal-faħam effettivament użat mill-kumpanija, li hija ssostni li huwa esklużivament il-faħam termali.

(43) Il-Kummissjoni l-ewwel tinnota li l-affermazzjoni li tikkonċerna l-ispeċifiċità tal-parametru referenzjarju għall-faħam użat mill-kumpanija ġiet ippreżentata fi stadju tard ħafna tal-investigazzjoni. Il-kumpanija ma qajmitx din il-kwistjoni wara l-ewwel jew it-tieni nota tal-FOP, u lanqas wara d-divulgazzjoni provviżorja, minkejja l-fatt li l-element metodoloġiku inkwistjoni diġà kien ġie ddivulgat lill-kumpanija f'dawn id-diversi stadji tal-investigazzjoni. Filwaqt li l-Kummissjoni madankollu eżaminat l-argumenti, sabet li ma jiġġustifikawx reviżjoni tal-metodoloġija.

(44) Il-Kummissjoni fakkret li, fin-nuqqas ta' prezzijiet domestiċi affidabbli minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali jrid jiġi kostrutt esklużivament fuq il-bażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u l-bejgħ li jirriflettu l-prezzijiet jew il-parametri referenzjarji mhux distorti. F'dan ir-rigward, l-istatistika dwar l-importazzjoni minn pajjiż rappreżentattiv xieraq tikkostitwixxi sors xieraq, peress li tirrifletti l-kostijiet tal-produzzjoni u l-bejgħ korrispondenti f'pajjiż rappreżentattiv xieraq.

(45) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-użu ta' data taħt il-kodiċi SA 2701 12 tqieset xierqa peress li ntgħażlet bħala l-aktar livell dettaljat faċilment disponibbli fis-settijiet tad-data affidabbli. Il-fatt li tali data tista' tinkludi subkategoriji differenti ta' prodotti ma jrendix, minnu nnifsu, il-parametru referenzjarju mhux xieraq, b'mod partikolari meta ma tkunx aċċessibbli data aktar granulari u disponibbli b'mod konsistenti.

(46) Barra minn hekk, Zhonghao ma weriex li l-inklużjoni ta' tipi differenti ta' faħam fil-kategorija SA magħżula twassal għal distorsjoni materjali tal-parametru referenzjarju fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ. L-argumenti tal-kumpanija huma bbażati fuq differenzi ġenerali bejn il-prezzijiet tal-faħam tal-kokk u dak termali f'livell globali iżda ma jistabbilixxux li d-data dwar l-importazzjoni speċifika użata mill-Kummissjoni mhijiex rappreżentattiva tat-tip ta' faħam użat fil-ġenerazzjoni tal-fwar.

(47) Fir-rigward tal-alternattiva proposta, li hija l-World Bank Pink Sheet ([6]), il-Kummissjoni qieset li din ma tikkostitwixxix parametru referenzjarju aktar xieraq. Filwaqt li tali data tipprovdi xejriet internazzjonali, indikattivi tal-prezzijiet, mhijiex ibbażata fuq tranżazzjonijiet tal-importazzjoni f'pajjiż rappreżentattiv u tista' ma tirreflettix il-karatteristiċi tal-prodott speċifiku, il-valuri kalorifiċi, jew il-kundizzjonijiet tas-suq rilevanti għall-input użat mill-kumpanija.

(48) Barra minn hekk, l-użu ta' medja ta' serje ta' prezzijiet internazzjonali magħżula, kif propost minn Zhonghao, jintroduċi saff addizzjonali ta' suppożizzjonijiet u aġġustamenti, u b'hekk inaqqas l-affidabbiltà u t-trasparenza tal-parametru referenzjarju meta mqabbla mal-użu tal-istatistiċi effettivi dwar l-importazzjoni.

(49) Wara t-talba għal informazzjoni addizzjonali li tikkonċerna l-xiri tal-faħam, il-kumpanija pprovdiet preżentazzjoni, li indikat li kienet xtrat 9 tipi differenti ta' faħam matul il-PI. Madankollu, minħabba d-diversità tat-tipi ta' faħam irrapportati u n-nuqqas ta' informazzjoni biżżejjed dettaljata u verifikabbli li tippermetti distinzjoni bejniethom, il-Kummissjoni ma setgħetx tistabbilixxi parametri referenzjarji speċifiċi għat-tip. Fin-nuqqas ta' tali informazzjoni, u peress li ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza li turi li l-użu ta' parametru referenzjarju medju jwassal għal distorsjoni materjali, il-Kummissjoni qieset xieraq li tiddependi fuq il-parametru referenzjarju inizjalment stabbilit.

(50) Fin-nuqqas ta' evidenza sostanzjata biżżejjed li turi li l-parametru referenzjarju użat mill-Kummissjoni mhuwiex xieraq jew li l-alternattiva proposta tkun aktar affidabbli u rappreżentattiva, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni.

3.2.3.3. Ilma

(51) Huafon tenna l-affermazzjonijiet tiegħu li saru fil-premessa (101) tar-Regolament proviżorju li l-parametru referenzjarju użat għall-ilma kien għoli b'mod mhux raġonevoli, peress li kien affettwat kemm minn nixfiet estremi fil-Brażil matul il-perjodu ta' investigazzjoni, kif ukoll mill-privatizzazzjoni tal-kumpanija tal-ilma użata mill-Kummissjoni, Companhia de Saneamento Básico do Estado de São Paulo ("SABESP"). Il-Kummissjoni ma tikkontestax li xi reġjuni fil-Brażil esperjenzaw nixfiet matul dawn l-aħħar snin, u lanqas ma tikkontesta l-fatt li SABESP ġiet privatizzata f'Lulju 2024. Madankollu, Huafon reġa' naqas milli jipprovdi evidenza li dawn il-fatturi wasslu għal żieda fit-tariffi tal-ilma sa tali punt li dawn il-prezzijiet jenħtieġ li jitqiesu mhux raġonevoli għall-fini tal-użu bħala parametru referenzjarju skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

(52) L-artikli kkwotati minn Huafon fil-preżentazzjoni tagħha ma wrewx li n-nixfa jew il-privatizzazzjoni wasslu għal żidiet fil-prezzijiet. L-artiklu dwar l-eżistenza ta' nixfiet u nirien fil-foresti ([7]) spjega l-impatt fuq in-nies li jgħixu fl-Amażonja, speċjalment in-nisa, kif ukoll l-għelejjel u l-bhejjem tagħhom. Ma ssemmiet l-ebda żieda fil-prezzijiet f'dak l-artikolu, u Huafon lanqas ma pprovda evidenza kwantitattiva oħra ta' żidiet fil-prezzijiet li kienu jagħmlu l-parametru referenzjarju mhux raġonevoli.

(53) L-artiklu kkwotat fir-rigward ta' żieda fil-prezz wara l-privatizzazzjoni tal-SABESP ([8]) ġie ppubblikat f'April 2023, u għalhekk kien jeżisti qabel il-privatizzazzjoni u ma kienx konness ma' dak l-avveniment. Fil-fatt, is-SABESP ġeneralment iżid il-prezz tal-ilma kull sena minħabba *"l-inflazzjoni, il-fattur tal-effiċjenza, l-indiċi tal-kwalità, ir-rieżami tat-tariffi u l-aġġustament kumpensatorju"*, kif iddikjarat f'dak l-istess artikolu. Fir-rigward tal-effetti fuq il-prezzijiet tal-

([6]) https://openknowledge.worldbank.org/server/api/core/bitstreams/c579e19c-83a7-4d94-abda-77e4810b4ea4/content.
([7]) https://reliefweb.int/report/brazil/acaps-thematic-report-brazil-impact-drought-brazilian-amazon-and-2025-outlook-28-january-2025.
([8]) https://www.metropoles.com/sao-paulo/conta-de-agua-da-sabesp-vai-subir-956-a-partir-de-maio-em-sp?utm.

privatizzazzjoni, is-Segretarju għall-Ambjent, l-Infrastruttura u l-Loġistika ta' Sao Paulo ddikjara li mhux biss il-privatizzazzjoni x'aktarx tnaqqas it-tariffi tal-ilma, iżda wkoll li l-gvern tal-istat juża limitu massimu sabiex l-ispiża għall-popolazzjoni ma tiżdiedx. ([9]) L-artiklu kkwotat minn Huafon li jiddikjara żieda possibbli futura ta' 200 % fit-tariffi tal-ilma jmur lura għal Diċembru 2024, u ma għandu l-ebda rilevanza għall-perjodu ta' investigazzjoni li fuqu huwa bbażat il-parametru referenzjarju. Fil-fatt, jidher li l-ewwel żieda fil-prezz (iż-żieda annwali regolari bbażata fuq l-inflazzjoni) minn meta l-SABESP ġie privatizzat seħħet biss mill-1 ta' Jannar 2026, jiġifieri wara l-perjodu ta' investigazzjoni. ([10])

(54) Għar-raġunijiet stabbiliti hawn fuq, l-affermazzjonijiet magħmula minn Huafon fir-rigward tal-parametru referenzjarju tal-ilma ġew miċħuda.

(55) Zhonghao sostna li l-parametru referenzjarju tal-ilma użat mill-Kummissjoni kien jinkludi taxxa ta' 6,9030 %. Il-kumpanija sostniet li din it-taxxa jenħtieġ li titnaqqas mill-parametru referenzjarju, peress li l-kost tal-ilma għal Zhonghao nnifsu ġie rrapportat ukoll mingħajr taxxa. Madankollu, it-taxxa PIS/Cofins li għaliha rrefera Zhonghao, kienu taxxi effettivament imħallsa mill-kumpaniji tal-ilma u mhux soġġetti għal rifużjonijiet jew rimborżi. Il-prezz pagabbli għall-ilma fil-Brażil kien għalhekk il-prezz li jinkludi din it-taxxa.

(56) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni ta' Zhonghao.

3.2.3.4. Manodopera

(57) Huafon tenna l-affermazzjoni tiegħu li saret fil-premessa (99) tar-Regolament proviżorju li l-parametru referenzjarju għall-manodopera użat mill-Kummissjoni kien inkoerenti, mhux raġonevoli u mhux affidabbli peress li kien ibbażat fuq diversi bażijiet tad-data kif ukoll fuq data statistika nazzjonali mill-2023. Skont il-kumpanija, il-Kummissjoni kellha tuża l-bażi tad-data mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ("ILO") għall-2024, minflok ma użat l-istatistika mill-IBGE (l-Instituto Brasileiro de Geografia a Estatistica) għall-2023 aġġornata bl-indiċi tal-prezzijiet tal-produtturi, filwaqt li tikseb l-għadd ta' sigħat tax-xogħol medji mill-ILO. Huafon argumenta li l-użu ta' bażi ta' data waħda biss bħala s-sors tal-pagi u s-sigħat maħduma jkun approċċ aktar koerenti, filwaqt li kkwotat f'dan ir-rigward investigazzjoni preċedenti mill-Kummissjoni fejn saret tali dikjarazzjoni.

(58) Madankollu, l-investigazzjoni kkwotata minn Huafon (dwar ċerti esteri tal-fosfat tal-alkil) użat l-istess metodoloġija eżatta bħal dik segwita fl-investigazzjonijiet attwali u oħrajn ([11]): Id-data tal-IBGE dwar il-pagi, aġġornata b'indiċi tal-prezzijiet u bl-użu tas-sigħat tax-xogħol kif ipprovdut mill-ILO. Fil-każ tal-esteri tal-fosfat tal-alkil, ġie spjegat li l-użu tad-data tal-IBGE, għalkemm skaduta u għalhekk aġġornata minn indiċi tal-prezzijiet, flimkien mad-data tal-ILO nstab aktar affidabbli mill-użu biss tad-data tal-ILO. ([12]) L-ILO ma pprovdietx l-istess livell ta' dettall tal-IBGE peress li ġabret id-data għas-settur kollu tal-manifattura, irrispettivament mid-daqs u s-sottogrupp ta' attività tal-kumpaniji, u għalhekk qieset l-IBGE bħala sors aktar affidabbli ta' data biex tistabbilixxi kost lavorattiv mingħajr distorsjoni. Fl-investigazzjoni inkwistjoni, intuża raġunament simili għall-użu tad-data tal-IBGE: il-bażi tad-data tal-ILO ġabret data għas-settur kimiku kollu, filwaqt li d-data tal-IBGE kienet speċifika għas-sustanzi kimiċi organiċi, li jinkludu l-aċidu adipiku. Barra minn hekk, is-sett tad-data tal-ILO ma kienx jinkludi elementi bħall-fatt li l-ħaddiema Brażiljani rċevew tlettax-il xahar salarju għal kull sena tax-xogħol jew aġġustamenti soċjali sħaħ.

(59) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni ċaħdet din l-affermazzjoni.

([9]) https://exame.com/brasil/tarifa-de-agua-sera-mais-barata-com-privatizacao-da-sabesp-e-tera-um-teto-diz-secretaria/.

([10]) https://en.clickpetroleoegas.com.br/sabesp-privatizada-tera-aumento-na-conta-de-agua-em-2026-mhbb01/.

([11]) Ara pereżempju, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1404 tat-3 ta' Lulju 2023 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' kartelli tal-azzar inossidabbli li jistgħu jimtlew mill-ġdid li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 169, 4.7.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1404/oj).

([12]) Ara premessi 309-312 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1064 tad-9 ta' April 2024 li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti esteri tal-fosfat tal-alkil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L, 2024/1064, 10.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1064/oj) u t-Taqsima 3.4.2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2415 tat-12 ta' Settembru 2024 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti esteri tal-fosfat tal-alkil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L, 2024/2415, 13.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2415/oj).

3.2.3.5. Gass

(60) Wara d-divulgazzjoni provviżorja, il-Kummissjoni nnotat żewġ żbalji klerikali fil-kalkolu tal-parametru referenzjarju għall-gass. Wara l-korrezzjoni ta' dawn l-iżbalji, il-parametru referenzjarju li jirriżulta kien 4,25 CNY għal kull m^3 gass. Il-marġnijiet tad-dumping ġew ikkalkulati mill-ġdid filwaqt li tqies dan il-parametru referenzjarju ġdid.

3.3. **Prezz tal-esportazzjoni**

(61) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar il-prezz tal-esportazzjonijiet, is-sejbiet fil-premessi (130) sa (132) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

3.4. **Tqabbil**

(62) Huafon tenna l-affermazzjoni tiegħu li saret fl-istadju proviżorju u indirizzata fit-taqsima 3.5.1 tar-Regolament proviżorju li, sabiex jiġi żgurat tqabbil ġust, il-kostijiet tad-distribuzzjoni jenħtieġ li jitnaqqsu mill-kostijiet SG&A tal-produttur rappreżentattiv. Huafon iddikjara li x-chapeau tal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku jpoġġi b'mod inekwivoku l-obbligu li jiġi żgurat tqabbil ġust fuq l-awtorità investigattiva, jiġifieri l-Kummissjoni. Għalhekk, skont Huafon, l-oneru tal-provi kien fuq il-Kummissjoni biex turi li l-ispejjeż SG&A ma kinux jinkludu l-ispejjeż tad-distribuzzjoni.

(63) Il-Kummissjoni nnotat li filwaqt li x-chapeau tal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku tabilħaqq jirrikjedi li l-Kummissjoni tagħmel tqabbil ġust, l-oneru tal-provi għall-kwoti li għandhom isiru biex jinkiseb tali tqabbil ġust huwa fuq il-partijiet li jitolbu tali kwoti. Huafon irrikonoxxa dan fil-preżentazzjoni tagħha. Għalhekk, loġikament jibqa' l-obbligu tal-parti li titlob aġġustament tal-SG&A għall-kostijiet tad-distribuzzjoni li tagħti prova li l-Kummissjoni kienet inkludiet tali kostijiet fil-kostijiet SG&A użati biex jinħadem il-valur normali.

(64) Skont Huafon, l-intestatura "*receitas (despesas) operacionais*" imsemmija fir-rapporti finanzjarji ta' Rhodia Brasil "tipikament" tinkludi l-kostijiet tad-distribuzzjoni. Madankollu, Huafon ma pprovdiex evidenza li l-kostijiet SG&A użati mill-Kummissjoni fil-fatt kienu jinkludu l-kostijiet tad-distribuzzjoni, u li l-kostijiet tad-distribuzzjoni ma jappartjenux għal-livell mill-fabbrika. Huafon ma weriex ukoll li l-kostijiet użati mill-Kummissjoni kienu jwasslu għal ammont għall-kostijiet SG &A li ma jkunux "raġonevoli" f'dak il-livell ta' kummerċ, fit-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, ma kien hemm bżonn tal-ebda aġġustament biex il-valur normali jiġi lura nett għal-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika. B'hekk, din l-affermazzjoni ġiet irrifjutata.

3.5. **Marġnijiet tad-dumping**

(65) Kif deskritt fil-premessi (40) sa (60), wara l-affermazzjonijiet mill-partijiet interessati, il-Kummissjoni rrevediet il-marġnijiet tad-dumping.

(66) Il-marġnijiet tad-dumping definittivi espressi bħala perċentwal tal-prezz tal-kost, assigurazzjoni u nol (CIF) fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Dazju anti-dumping definittiv
Chongqing Huafon Chemical Co., Ltd	29,1 %
Tangshan Zhonghao Chemical Co., Ltd	42,3 %
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	31,5 %
L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	42,3 %

4. DANNU

4.1. Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni

(67) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar l-industrija tal-Unjoni u l-produzzjoni tal-Unjoni u d-determinazzjoni tas-suq rilevanti tal-Unjoni, il-premessi (147) sa (154) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.2. Konsum tal-Unjoni

(68) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar il-konsum tal-Unjoni, il-premessi (155) sa (159) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.3. Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat

4.3.1. *Volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet miċ-Ċina*

(69) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar l-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat, il-premessi (160) sa (162) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.3.2. *Prezzijiet tal-importazzjonijiet miċ-Ċina u twaqqigħ tal-prezz*

(70) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar it-twaqqigħ tal-prezz u t-trażżin tal-prezzijiet mill-importazzjonijiet miċ-Ċina, il-premessi (163) sa (169) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.4. Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni

4.4.1. *Kummenti ġenerali*

(71) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar il-kummenti ġenerali dwar l-eżaminazzjoni tad-dannu, il-premessi (170) sa (174) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.4.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

4.4.2.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

(72) Il-COIM tenniet l-affermazzjoni tagħha ppreżentata fil-bidu u diġà indirizzata fil-premessa (177) tar-Regolament proviżorju, li l-industrija tal-Unjoni ma kellhiex biżżejjed kapaċità tal-produzzjoni biex tissodisfa d-domanda totali tal-Unjoni għall-aċidu adipiku. Il-COIM qajmet il-fatt li fil-premessa (177) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni indikat li l-kapaċità tal-produzzjoni ġenerali naqset fl-2022 b'madwar 100 000 tunnellata mingħajr ma speċifikat għal liema produttur tal-Unjoni huwa attribwibbli dan it-tnaqqis. Peress li wieħed mill-produtturi tal-Unjoni, il-BASF ħabbret pubblikament tnaqqis fil-produzzjoni tal-aċidu adipiku tagħha bl-istess kobor fi Frar 2023, il-COIM esprimiet dubji dwar il-korrettezza tal-istima tal-kapaċità li turi tnaqqis diġà fl-2022. Barra minn hekk, il-COIM sostna li fil-valutazzjoni tiegħu dwar in-nuqqas ta' probabbiltà ta' nuqqasijiet fil-provvista, il-Kummissjoni ma qisitx żvilupp ewlieni, jiġifieri l-għeluq imħabbar tal-impjant tal-BASF f'Ludwigshafen minn tmiem l-2025, li jirrappreżenta telf sostanzjali u permanenti għall-kapaċità tal-produzzjoni tal-Unjoni.

(73) Il-Kummissjoni fakkret li l-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni ġiet stabbilita abbażi tad-data aggregata mit-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kif ukoll ta' produtturi oħra tal-Unjoni, inkluża BASF. L-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku invokata mill-COIM ma tikkontradixxix iċ-ċifri rrapportati fir-Regolament proviżorju, b'mod partikolari x-xejra ġenerali u d-daqs tat-tnaqqis fil-kapaċità tal-produzzjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(74) Fir-rigward tal-għeluq imħabbar tal-impjant tal-produzzjoni tal-BASF f'Ludwigshafen sa tmiem l-2025, ta' min jinnota li peress li dan il-perjodu jaqa' barra mill-perjodu ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex informazzjoni vverifikata dwar l-iżvilupp ta' makroindikaturi, inkluż il-konsum tal-Unjoni. Madankollu, skont l-informazzjoni pubblika disponibbli ([13]), l-għeluq irrapportat fl-2025 għandu impatt mhux biss fuq il-produzzjoni

([13]) Artikli tal-aħbarijiet tal-BASF jitqiegħdu fil-fajl taħt t25.012092.

tal-aċidu adipiku iżda wkoll fuq dik tal-prodotti downstream tiegħu, jiġifieri ċ-ċiklododekanon (CDon) u ċ-ċiklopentanonen (CPon). Minħabba l-fatt li l-biċċa l-kbira tal-produzzjoni tal-BASF [fil-medda ta' bejn 60 % u 70 %] matul il-perjodu kkunsidrat kienet destinata għal użu/bejgħ ristrett, huwa sikur li wieħed jassumi li wara l-għeluq tal-impjant, id-domanda tal-Unjoni tonqos fi proporzjon simili. Jekk wieħed jippreżumi tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni li jkun daqs l-użu kaptiv/il-bejgħ kaptiv irrapportat mill-BASF fl-2024, huwa stmat li l-produtturi tal-Unjoni li jifdal xorta jenħtieġ li jkunu jistgħu jkopru l-konsum stmat kollu tal-Unjoni. Anki bil-preżunzjoni li l-konsum tal-Unjoni jibqa' l-istess - il-bqija tal-industrija tal-Unjoni xorta tkun tista' tkopri l-maġġoranza l-kbira tal-konsum stmat tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnotat li l-COIM ma ressqet l-ebda evidenza li turi li l-għeluq tal-impjant tal-BASF iwassal għal nuqqasijiet fil-provvista. Barra minn hekk, kif jidher fit-Taqsima 5.2.1 tar-Regolament proviżorju, hemm ukoll sorsi alternattivi ta' aċidu adipiku minn pajjiżi terzi oħra, bħall-Brażil, il-Korea t'Isfel u l-Istati Uniti tal-Amerka. Fl-aħħar nett, fid-dawl tal-livell moderat ta' dazji kif ukoll tal-kapaċitajiet ta' riżerva disponibbli fiċ-Ċina, huwa mistenni li l-importazzjonijiet miċ-Ċina lejn l-Unjoni jkomplu wara l-impożizzjoni tad-dazji. Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni għalhekk żammet is-sejbiet tagħha dwar il-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni fir-rigward tal-perjodu kkunsidrat, kif espress fil-premessi (175) sa (178) tar-Regolament proviżorju. Fir-rigward tal-perjodu mill-2025, il-Kummissjoni qieset li l-evidenza fil-fajl ma tappoġġax l-affermazzjoni dwar in-nuqqasijiet fil-provvista, anki taħt l-aktar stima estiża dwar il-konsum tal-Unjoni.

4.4.2.2. Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

(75) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq, il-premessi (179) u (183) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.4.2.3. Tkabbir

(76) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar it-tkabbir, il-premessa (184) tar-Regolament proviżorju ġiet ikkonfermata.

4.4.2.4. Impjiegi u produttività

(77) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar l-impjiegi u l-produttività, il-premessi (185) sa (187) fir-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.4.2.5. Daqs tal-marġni tad-dumping u rkupru minn dumping fil-passat

(78) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment, il-premessi (188) sa (189) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.4.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.4.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(79) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar il-prezzijiet u l-kost unitarju tal-industrija tal-Unjoni, il-premessi (190) sa (193) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.4.3.2. Kostijiet lavorattivi

(80) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar il-kostijiet lavorattivi, il-premessi (194) sa (195) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.4.3.3. Inventarji

(81) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar l-inventarji, il-premessi (196) sa (197) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.4.3.4. Profittabilità, fluss tal-flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

(82) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar indikaturi finanzjarji, il-premessi (198) sa (203) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.5. Konklużjoni dwar id-dannu

(83) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ulterjuri fuq il-konklużjoni dwar id-dannu, il-premessi (204) sa (207) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

5. KAWŻALITÀ

5.1. Effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping

(84) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar l-effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, il-premessi (208) sa (212) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

5.2. Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

(85) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, il-premessi (213) sa (216) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

5.3. Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni

(86) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar il-prestazzjoni tal-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni, il-premessi (217) sa (219) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

5.4. Żidiet fil-kostijiet tal-materja prima u tal-prezzijiet tal-enerġija

(87) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar iż-żidiet fil-kostijiet, il-premessi (220) sa (222) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

5.5. Konsum

(88) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar il-kawżalità, il-premessi (223) sa (230) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

5.6. Konklużjoni dwar il-kawżalità

(89) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment, il-premessi (231) sa (233) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

6. LIVELL TAL-MIŻURI

(90) Fin-nuqqas ta' kummenti, il-premessi (234) sa (236) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

6.1. Marġni tal-bejgħ taħt il-prezz

(91) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar il-marġni tal-bejgħ taħt il-prezz fil-premessi (237) sa (245) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

6.2. Eżami tal-marġni adegwat biex jitneħħa d-dannu lill-industrija tal-Unjoni

(92) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar l-eżami tal-marġni adegwat biex jitneħħa d-dannu, il-premessi minn (246) sa (247) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

6.3. **Konklużjoni dwar il-livell ta' miżuri**

(93) Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, id-dazji anti-dumping definittivi jenħtieġ li jiġu stabbiliti kif ġej f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku:

Kumpanija	Dazju anti-dumping definittiv
Chongqing Huafon Chemical Co., Ltd	29,1 %
Tangshan Zhonghao Chemical Co., Ltd	42,3 %
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	31,5 %
L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	42,3 %

7. **INTERESS TAL-UNJONI**

(94) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar il-premessa (249) tar-Regolament proviżorju ġiet ikkonfermata.

7.1. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(95) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar l-interess tal-industrija tal-Unjoni, il-premessi (250) sa (254) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

7.2. **Interess ta' importaturi u ta' kummerċjanti mhux relatati**

(96) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment dwar l-importaturi mhux relatati, il-premessi (255) sa (261) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

7.3. **Interess tal-utenti, tal-konsumaturi jew tal-forniturі**

(97) Il-COIM affermat li fil-valutazzjoni tagħha tal-interess tal-Unjoni, il-Kummissjoni naqset milli tindirizza l-konċentrazzjoni dejjem akbar tal-industrija tal-Unjoni. Il-COIM sostniet li l-iżviluppi reċenti naqqsu l-għadd ta' produtturi tal-Unjoni u b'hekk is-sorsi tal-provvista f'suq diġà kkonċentrat ħafna. F'dan ir-rigward, il-COIM semmiet l-għeluq tal-2025 tal-impjant tal-produzzjoni tal-BASF f'Ludwigshafen, il-finalizzazzjoni tal-akkwist mill-BASF tal-ishma li fadal miżmuma mid-DOMO Chemicals fl-impriża konġunta tagħhom, Alsachimie JV u l-akkwist ta' Radici minn Lone Star, ditta ta' ekwità privata. B'riżultat ta' dan, sal-2025, l-għadd ta' produtturi tal-Unjoni naqas minn erbgħa fil-perjodu ta' investigazzjoni għal tlieta wara.

(98) Il-COIM iddikjarat wkoll li l-konklużjoni tal-Kummissjoni fil-premessa (267) tar-Regolament proviżorju, jiġifieri li l-utenti bħala medja huma profittabbli u jibqgħu hekk anke fl-ogħla livell ta' dazji u għalhekk jenħtieġ li jkunu jistgħu jassorbu ż-żidiet fil-prezzijiet, ma kinitx spjegata biżżejjed u ma kinitx sostanzjata. B'mod partikolari, il-COIM argumentat li l-Kummissjoni naqset milli tikkunsidra l-iżvantaġġi kompetittivi li l-utenti tal-Unjoni jiffaċċjaw meta mqabbla ma' produtturi ta' pajjiżi terzi. F'dan ir-rigward, il-COIM tenniet l-affermazzjonijiet tagħha dwar l-impatt negattiv li d-dazji jkollhom fuq il-kompetittività tal-utenti fis-suq tal-prodotti downstream, kif deskritt fil-premessa (264) tar-Regolament proviżorju.

(99) Fir-rigward tal-konċentrazzjoni fis-suq tal-Unjoni, il-Kummissjoni qieset li din l-affermazzjoni ma kinitx sostanzjata, peress li ma pprovdiet l-ebda evidenza li tirfed l-affermazzjoni li t-tnaqqis minn erba' għal tliet produtturi tal-Unjoni jkollu impatt negattiv fuq l-interessi tal-utenti, minbarra t-tnaqqis fil-kapaċità disponibbli li diġà kien indirizzat fit-taqsima 4.4.2.1 hawn fuq. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni qieset li t-tnaqqis fl-għadd ta' produtturi tal-Unjoni minn erbgħa għal tlieta, fih innifsu, ma kienx indikazzjoni li abbażi tagħha seta' jiġi ddeterminat li l-impożizzjoni tad-dazji kienet kontra l-interess tal-Unjoni.

(100) Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni qieset li dawn il-bidliet huma konsegwenza tad-diffikultajiet ekonomiċi li l-industrija tal-Unjoni kienet għaddejja minnhom minħabba l-kompetizzjoni inġusta imposta mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina. Ir-riorganizzazzjonijiet u l-akkwiżizzjonijiet li jseħħu jirriflettu l-isforz tal-industrija tal-Unjoni biex tadatta u tibqa' kompetittiva u għalhekk huma indikazzjoni tar-reżiljenza tagħha.

(101) Fir-rigward tal-analiżi tas-sitwazzjoni tal-utenti u dik tas-suq downstream, kif spjegat fil-premessi (262) u (263) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni qieset l-informazzjoni kollha mressqa mill-utenti li ppermettiet valutazzjoni dettaljata tal-impatt tal-miżuri. L-analiżi ta' seba' tweġibiet għall-kwestjonarju (li jirrappreżentaw madwar 91 % tal-volum tal-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat tal-utenti li kkooperaw) u inkluż dak tal-COIM, uriet li anki jekk il-prezz tal-aċidu adipiku kellu jiżdied bid-dazji residwi (u bis-suppożizzjoni li l-utenti se jkomplu jixtru mir-RPĊ bl-istess proporzjon kif irrapportat fil-perjodu ta' investigazzjoni) bħala medja, l-utenti xorta se jibqgħu profittabbli fuq il-prodotti li jinkorporaw l-aċidu adipiku. Hemm varjetà wiesgħa ta' prodotti li jinkorporaw l-aċidu adipiku u l-impatt tal-miżuri jista' jvarja minn prodott għal ieħor, madankollu, determinazzjoni dwar jekk l-interess tal-Unjoni jitlobx intervent hija bbażata fuq apprezzament tad-diversi interessi kollha meħuda globalment, inklużi l-interessi tal-industrija tal-Unjoni u l-utenti jew l-importaturi. Kif spjegat fil-premessa (269) tar-Regolament proviżorju, anki jekk l-utenti jistgħu jiffaċċjaw żieda fil-kostijiet tagħhom, b'mod partikolari meta jkomplu jakkwistaw l-aċidu adipiku miċ-Ċina, il-miżuri x'aktarx li ma jwassluhomx biex jagħmlu telf, filwaqt li min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' impożizzjoni tal-miżuri, x'aktarx, iwassal biex l-industrija tal-Unjoni toħroġ kompletament mis-suq, u dan jirriżulta f'dipendenza fuq l-importazzjonijiet miċ-Ċina li tmur b'mod ċar kontra l-interess tal-Unjoni. Għalhekk, l-affermazzjonijiet tal-COIM ġew miċħuda.

(102) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe affermazzjoni oħra, il-premessi (262) sa (269) huma kkonfermati.

7.4. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(103) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonferma il-konklużjoni tagħha stabbilita fil-premessa (270) tar-Regolament proviżorju li ma kien hemm l-ebda raġuni konvinċenti li turi li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li jiġu imposti miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu adipiku li joriġinaw miċ-Ċina.

7.5. **Talba għal eżenzjoni għall-użu finali**

(104) Allnex talab eżenzjoni tal-użu finali skont l-Artikolu 254 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([14]) għall-użu tal-aċidu adipiku għall-produzzjoni tar-Reżini tal-Kisi tat-Trab tal-Poliester ("PPCR", Polyester Powder Coating Resins).

(105) Allnex afferma li ma hemm l-ebda sostituzzjoni vijabbli għall-aċidu adipiku fil-produzzjoni tal-PPCR u d-dazji jikkawżaw ħsara sproporzjonata lill-produtturi fl-istadju aħħari tal-produzzjoni, li huma prinċipalment intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Allnex argumenta li abbażi tad-data tal-informazzjoni dwar is-suq, kien hemm bosta investigazzjonijiet anti-dumping ġodda dwar sustanzi kimiċi oħra tal-materja prima li qed jitħejjew, li l-effett ikkombinat tagħhom inaqqas il-profittabbiltà ta' Allnex. Allnex spjega wkoll li l-protezzjoni tal-produtturi tal-PPCR tallinja mal-politiki ta' sostenibbiltà tal-UE, peress li dan il-prodott huwa pedament tal-irfinar tas-superfiċe li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, billi huwa prodott b'VOC baxx, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u li jista' jerġa' jiġi sprejjat b'mod eċċessiv. Fl-aħħar nett, Allnex sostna wkoll li eżenzjoni tal-użu finali għall-PPCR ma timminax l-effikaċja tad-dazji peress li l-PPCR jirrappreżenta porzjon żgħir ħafna tad-domanda totali għall-aċidu adipiku fl-Unjoni.

(106) Il-Kummissjoni analizzat l-informazzjoni u l-evidenza ppreżentati minn Allnex u sabet li Allnex ma jirrikjedix grad/tip speċjali ta' aċidu adipiku għall-produzzjoni tal-PPCR u għalhekk jista' jakkwistah minn kwalunkwe produttur fl-Unjoni jew fi kwalunkwe pajjiż terz ieħor. Fi kliem ieħor, ma kien hemm l-ebda evidenza li tindika li Allnex seta' jikseb l-aċidu adipiku miċ-Ċina biss jew minn fornitur speċifiku. Barra minn hekk, abbażi tal-analiżi tat-tweġiba għall-kwestjonarju kif ukoll tal-preżentazzjoni tas-seduta ta' smigħ, il-Kummissjoni ddeterminat li d-dazji imposti

([14]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj).

fuq l-aċidu adipiku jkollhom impatt limitat fuq il-profittabbiltà ta' Allnex. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġi ċċarat li l-konklużjonijiet tal-investigazzjoni anti-dumping attwali (u kwalunkwe) għandhom ikunu bbażati fuq l-evidenza disponibbli (u verifikabbli) fil-fajl. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li l-allegat impatt ta' investigazzjonijiet futuri potenzjali, kif ukoll objettivi usa' tal-politika tal-Unjoni, kien purament ipotetiku u mhux sostanzjat minn evidenza verifikabbli. Bħala tali, dawn il-kunsiderazzjonijiet ma setgħux jitqiesu fl-analiżi tal-impatt tad-dazji. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet it-talba għal eżenzjoni tal-użu finali.

(107) Wara d-divulgazzjoni finali, Allnex tenna t-talba tiegħu għal eżenzjoni għall-użu finali abbażi tal-istess argumenti ppreżentati u deskritti preċedentement fil-premessa (105). Barra minn hekk, Allnex sostna li l-proposta alternattiva tiegħu ta' sistema ta' kwoti ma ġietx indirizzata mill-Kummissjoni.

(108) Fir-rigward tat-talba għal eżenzjoni tal-użu finali, il-Kummissjoni tqis li ma tressaq l-ebda argument ġdid li jinnega s-sejbiet ewlenin tal-valutazzjoni tagħha kif spjegat fil-premessa (106) hawn fuq, u fuq il-bażi ta' dan l-affermazzjoni ġiet miċħuda. Konsegwentement, il-Kummissjoni żammet din il-pożizzjoni. Fir-rigward tal-proposta għal sistema ta' kwota, kif stabbilit fil-premessa (103) hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kien hemm l-ebda raġuni konvinċenti li turi li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li jiġu imposti dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu adipiku li joriġinaw fiċ-Ċina. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni eżaminat ukoll is-sitwazzjoni tal-utenti u tal-importaturi, kif stabbilit fid-dettall fit-taqsima 7.3 tar-Regolament proviżorju, li għalhekk ma jiġġustifikax il-modulazzjoni tad-dmirijiet fil-forma ta' kwota. B'hekk, l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

8. MIŻURI ANTI-DUMPING DEFINITTIVI

8.1. Miżuri definittivi

(109) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa fir-rigward tad-dumping, tad-dannu, tal-kawżalità, tal-livell tal-miżuri u tal-interess tal-Unjoni, u f'konformità mal-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri anti-dumping definittivi sabiex ma jiġix ikkawżat dannu ulterjuri lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping tal-prodott ikkonċernat.

(110) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, ir-rati tad-dazju anti-dumping definittivi, espressi skont il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, jenħtieġ li jkunu kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping	Marġni tal-bejgħ taħt il-prezz	Dazju anti-dumping definittiv
Chongqing Huafon Chemical Co., Ltd	29,1 %	47,1 %	29,1 %
Tangshan Zhonghao Chemical Co., Ltd	42,3 %	48,7 %	42,3 %
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw elenkati fl-Anness	31,5 %	47,4 %	31,5 %
L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	42,3 %	48,7 %	42,3 %

(111) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. B'hekk, dawn ir-rati tad-dazju huma applikabbli esklużivament għall-importazzjonijiet tal-prodott taħt investigazzjoni li joriġina mill-pajjiż konċernat u manifatturat mill-entitajiet legali msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat manifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk imsemmija speċifikament, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina".

(112) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali jekk hija sussegwentement tbiddel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tiġi indirizzata lill-Kummissjoni ([15]). It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li turi li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, se jiġi ppubblikat Regolament dwar il-bidla tal-isem f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(113) Sabiex jiġu minimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa tad-dazji anti-dumping individwali. L-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali hija applikabbli biss mal-preżentazzjoni ta' fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. Sakemm tiġi ppreżentata tali fattura, jenħtieġ li l-importazzjonijiet ikunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-"importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina".

(114) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa biex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali fuq l-importazzjonijiet, din mhijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jwettqu l-kontrolli tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħrajn kollha, ikunu jeħtieġu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-trasportazzjoni, eċċ.) bil-għan li jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jinsabu fid-dikjarazzjoni u jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata tad-dazju tkun ġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(115) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum, b'mod partikolari wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'tali ċirkostanzi, tista' tinbeda investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet sabiex din issir. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa tat-tneħħija ta' rata/i tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

(116) Sabiex jiġi żgurat infurzar xieraq tad-dazji anti-dumping, jenħtieġ li d-dazju anti-dumping għall-"importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina" ma japplikax biss għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx f'din l-investigazzjoni, iżda wkoll għall-produtturi li ma kellhomx esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(117) Jenħtieġ li l-produtturi esportaturi li ma esportawx il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni jkunu jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni sabiex tkun soġġetta għar-rata tad-dazju anti-dumping għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tilqa' talba bħal din dment li jiġu ssodisfati tliet kundizzjonijiet. Il-produttur esportatur il-ġdid ikollu juri li: (i) ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-PI; (ii) mhuwiex relatat ma' produttur esportatur li għamel dan; u (iii) esporta l-prodott ikkonċernat wara dan jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jagħmel dan fi kwantitajiet sostanzjali.

8.2. **Ġbir definittiv tad-dazji proviżorji**

(118) Fid-dawl tal-marġnijiet ta' dumping li nstabu u minħabba l-livell tad-dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni, jenħtieġ li l-ammonti ggarantiti permezz tad-dazji anti-dumping proviżorji, imposti bir-Regolament proviżorju, jinġabru b'mod definittiv sal-livelli stabbiliti skont dan ir-Regolament.

8.3. **Ġbir retroattiv**

(119) Kif imsemmi fit-Taqsima 1.2, il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat soġġetti għal reġistrazzjoni.

([15]) Email: TRADE-TDI-NAME-CHANGE-REQUESTS@ec.europa.eu; Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, id-Direttorat G, Rue de la Loi/Wetstraat 170, 1040 Brussell, il-Belġju.

(120) Matul l-istadju definittiv tal-investigazzjoni, ġiet ivvalutata d-data miġbura fil-kuntest tar-reġistrazzjoni. Il-Kummissjoni analizzat jekk il-kriterji skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku kinux issodisfati għall-ġbir retroattiv tad-dazji definittivi.

(121) Skont l-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku, waħda mill-kundizzjonijiet għad-dazji li jridu jinġabru retroattivament hi li jiġi stabbilit li jkun hemm żieda oħra sostanzjali fl-importazzjonijiet minbarra l-livell ta' importazzjonijiet li jkun ikkawża dannu matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Madankollu, l-analiżi tal-Kummissjoni uriet li ma kien hemm l-ebda żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet minbarra l-livell tal-importazzjonijiet li kkawżaw dannu matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Għal din l-analiżi, il-Kummissjoni qabblet il-volumi medji ta' importazzjoni ta' kull xahar tal-prodott ikkonċernat fil-perjodu mix-xahar wara l-bidu ta' din l-investigazzjoni sal-aħħar xahar sħiħ qabel l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji (jiġifieri, April sa Ottubru 2025) mal-volumi medji ta' importazzjoni fl-istess perjodu ta' investigazzjoni (jiġifieri, April sa Ottubru 2024). It-tqabbil wera li l-volumi tal-importazzjoni naqsu minn medja ta' 9 621 tunnellata/xahar għal 7 774 tunnellata/xahar. Xejriet simili nstabu meta tqabblu l-volumi medji tal-importazzjoni ta' kull xahar fil-perjodu minn April sa Ottubru 2025, mal-importazzjonijiet medji globali fix-xahar matul il-perjodu ta' investigazzjoni kollu, fejn il-volumi medji tal-importazzjoni naqsu minn 8 590 tunnellata/xahar fil-perjodu ta' investigazzjoni għal 7 774 tunnellata/xahar.

(122) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li waħda mill-kundizzjonijiet legali meħtieġa għall-impożizzjoni tad-dazju definittiv b'mod retroattiv għall-perjodu ta' reġistrazzjoni ma ġietx issodisfata.

9. **DISPOŻIZZJONI FINALI**

(123) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([16]), meta ammont ikun irid jiġi rimborżat wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jenħtieġ li l-imgħax li jrid jitħallas ikun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(124) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju anti-dumping proviżorju huwa impost fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu adipiku, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM 2917 12 00 (il-kodiċi TARIC 2917 12 00 10) u li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-rati tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u manifatturati mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, għandhom ikunu kif ġej:

Kumpanija	Dazju anti-dumping definittiv	Kodiċi addizzjonali TARIC
Chongqing Huafon Chemical Co., Ltd	29,1 %	89ZW
Tangshan Zhonghao Chemical Co., Ltd	42,3 %	89ZX
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw elenkati fl-Anness	31,5 %	Ara l-Anness
L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	42,3 %	8999

([16]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u bil-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: *"Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li (il-volum fl-unità li qed nużaw) ta' (il-prodott ikkonċernat) mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (l-isem u l-indirizz tal-kumpanija) (kodiċi TARIC addizzjonali) fi [il-pajjiż ikkonċernat]. Jiena niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija kompluta u korretta."* Sakemm tiġi ppreżentata tali fattura, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

L-ammonti garantiti permezz tad-dazju anti-dumping proviżorju skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/2287 għandhom jingabru b'mod definittiv. L-ammonti garantiti ogħla mir-rati definittivi tad-dazju anti-dumping għandhom jiġu rilaxxati.

Artikolu 3

L-Artikolu 1(2) jista' jiġi emendat biex jiżdiedu produtturi esportaturi ġodda mir-RPĊ u jagħmilhom soġġetti għar-rata ta' dazju anti-dumping medja ponderata xierqa għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun. Produttur esportatur ġdid għandu jipprovdi evidenza li:

(a) ma esportax l-oġġetti deskritti fl-Artikolu 1(1) matul il-perjodu ta' investigazzjoni (mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024);

(b) mhuwiex relatat ma' esportatur jew produttur soġġett għall-miżuri imposti minn dan ir-Regolament, u li seta' kkoopera fl-investigazzjoni oriġinali; kif ukoll li

(c) effettivament esporta l-prodott ikkonċernat jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni wara t-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Mejju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun

Isem	Kodiċi addizzjonali TARIC
China Pingmei Shenma Energy Chemical Group International Trading Co., Ltd.	89ZY
Hengli Petrochemical (Dalian) Chemical Co., Ltd.	8Z00
Shandong Hualu-Hengsheng Chemical Co.,Ltd.	8Z01